Kunsill Lokali L-Imġarr
22, Triq Sir Harry Luke, L-Imġarr, MGR 1501, Malta
mgarr.lc@gov.mt - *www.mgarrlc.com*

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imġarr**

**Is-Seba' Leġislatura, Laqgħa numru 82**

**Nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019, fil-5:00pm**

Il-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr issejjaħ fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f' 22, Triq Sir Harry Luke, l-Imġarr, sabiex jiltaqa' għall-Laqgħa tal-Kunsill numru 82 tas-Seba' Leġislatura, nhar l-Erbgħa 27 ta' Marzu 2019, fil-5:00 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**
Paul Vella – Sindku
Eman Vella – Deputat Sindku
Elia Borg - Kunsillier

**ASSENTI B' APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3)**
Mario Cammut – Kunsillier

**ASSENTI**
Clayton Gauci - Kunsillier

**UFFIĊĊJAL PREŻENTI**
Cyprian Dalli - Segretarju Eżekuttiv

**PUBBLIKU**
Hadd

**---- MINUTI -----**

i. Il-laqgħa bdiet fis-5:23pm.

ii. Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku, Paul Vella.

iii. Il-laqgħa xxandret dirett fuq il-paġna elettronika tal-Kunsill permezz tas-sistema tal-live-streaming.

iv. Qabel ma ngħatat bidu għal-laqgħa, is-Sindku semma li din kienet l-ewwel laqgħa tal-Kunsill wara il-mewt taż-żewġ ħaddiema tal-Kunsill, is-Sur Paul Grech u s-Sur Ivan Giliberti. Għaldaqstant il-Kunsill agħmel minuta silenzju b' turija ta' rispett għal dawn iż-żewġ ħaddiema.

v. L-Aġenda tmexxiet fuq l-Aġenda segwenti :

82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
82.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku;
82.4 Korrispondenza
82.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
82.6 Rapporti;
82.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;
82.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni ta' l-Iskeda tal-Pagamenti;
82.9 Mozzjonijiet;
82.10 GDPR u Data Protection għall-Kunsill;
82.11 Evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti għas-servizz ta' Handyman;
82.12 Tmiem tal-Laqgħa u data għal-laqgħa li jmiss

**82.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

82.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li kien irċieva nota ta' apoloġija għal din il-laqgħa, mingħand il-Kunsillier Mario Sammut, li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa.

82.1.1.i Il-Kunsill qabel unanimament li jaċċetta din in-nota u għalhekk il-Kunsillier Mario Sammut tniżżel bħala assenti b' apoloġija.

**82.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**

82.2.1 Il-Minuti ġew mibgħuta lill-membri tal-Kunsill minn qabel, u għaldaqstant ġew meqjusa moqrija u ġew approvati kif ippreżentati u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

**82.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

82.3.1 Is-Sindku informa li l-Inauwgurazzjoni tal-proġett tal-Għasfura ġiet pospost mis-26 ta' Marzu għal-25 ta' April li ġej.

82.3.2 Is-Sindku informa li kien hemm bżonn li jiġu ordnati 'sleeping-policemen' ġodda għall-Binġemma peress li dawk li kien hemm imwaħħlin ġew misruqa minn fuq il-post.

82.3.3 Is-Sindku spjega kif permezz tal-iskema tal-libreriji kienet inxtrat għamara għall-librerija tal-iskola primarja.

82.3.4 Fil-15 ta' April ser isir kunċert mill-Banda Marija Mtella' s-Sema tal-Imġarr bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali fil-Knisja Parrokkjali.

**82.4 Korrispondenza**

82.4.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq diversi Memos, Ċirkolarijiet u korrispondenzi oħra mil-entitajiet governattivi, fosthom id-DLG, l-AKL u l-Awtorita' tal-Ippjanar.

82.4.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa kif il-Kunsill irċieva 'committment letter' ta' fondi li jammontaw għall-3000 Euro taħt l-iskema Ħajja Aħjar Permezz ta' Eżerċizzju Fiżiku u Sport. Permezz ta' dawn il-fondi, il-Kunsill ser ikun qed jagħmel outdoor gyms fil-Housing Estate, liema xogħol irid ikun lest tad-19 ta' Novembru 2019.

82.4.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li kien irċieva l-approvazzjoni min-naħa tad-DLG dwar direct order għax-xogħol ċiviku li kien hemm bżonn issir fuq il-mixtla tal-Facciol wara li ma kien hemm l-ebda kuntrattur li tefa' offerta meta il-Kunsill ħareġ it-tender rispettiv.

82.4.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li kien irċieva l-approvazzjoni tac-Change Request li il-Kunsill daħħal dwar il-proġett tal-Miżura 4.3, li kien jinvolvi żewġ bidliet : li titneħħa Trejqa tal-Armaġġ mill-proġett u li tingħata estenzjoni sa' l-aħħar ta' Ġunju 2019 sabiex jitlesta il-proġett. Dawn iż-żewġ bidliet ġew approvati it-tnejn.

**82.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

82.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera għal din il-laqgħa.

**82.6 Rapporti**

82.6.1 Ma kienx hemm rapporti waqt din il-laqgħa.

**82.7 Temi oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa**

82.7.1 Ma kiex hemm temi li ġew diskussi taħt dan il-punt.

**82.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti**

82.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti numru 3/2019 li kienet tammonta għal-€23,944.26.

82.8.2 Il-Kunsill ra l-iskeda u approvaha unanimament.

**82.9 Mozzjonijiet**

82.9.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet waqt din il-laqgħa.

**82.10 GDPR u Data Protection għall-Kunsill**

82.10.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li peress li ir-regolamentazzjonijiet ġodda dwar GDPR u Data Protection qegħdin jagħmlu aktar piż u obligazzjonijiet fuq il-Kunsill, inħass il-bżonn li jintalab servizz professjonali għall-dan. Għaldaqstanti intalbu kwotazzjonijiet u il-Kunsill irċieva l-offerta ta' servizz ta' BOOM Consultancy. Il-Kunsill iddiskuta din il-proposta u approva unanimament li jsir ftehim għall-dan is-servizz.

**82.11 Evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti għas-servizz ta' Handyman;**

**82.11.1** Il-Kunsill irċieva ir-rapport tal-evalwazzjoni tas-Sejħa tal-Offerti għas-servizz ta' Handyman. Il-Kunsill ra li kien hemm offerta waħda għal din is-sejħa mingħand Joseph Sammut Handyman u ra li kien hemm kollox kif mitlub. Ra ukoll li r-rapport kien qiegħed jissuġġerixxi li l-offerta ta' Joseph Sammut Handyman tiġi aċċettatta, u għalhekk approva ir-rapport tal-evalwazzjoni u il-Kunsill ser ikun qed jieħu il-passi neċċessarji sabiex din l-offerta tintlaqa.

**82.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tal-Laqgħa li jmiss**

82.12.1 Il-Laqgħa ntemmet fis-6:25pm.

82.12.2 Il-Laqgħa numru 83 tal-Kunsill issejħet għal-nhar l-Erbgħa, 17 ta' April 2019, fil-5:00pm, fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali ta' l-Imġarr.

*Paul Vella*
***Sindku***

*Cyprian Dalli*
***Segretarju Eżekuttiv***